

32000D0754

L 303/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.12.2000

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 1-24 ta' Novembru 2000

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 93/195/KEE dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-animali u ċ-
 ċertifikazzjoni veterinarja meħtieġa għad-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq,
 kompetizzjoni u avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja**

(notifikata taħt id-dokument numru K(2000) 3552)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/754/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-animali li jirregolaw il-moviment u l-impurtazzjoni ta' l-*equidae* ⁽¹⁾ minn terzi pajjiżi, kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Sħubija ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja, u b'mod partikulari l- l-Artikolu 19(ii) tiegħu

Billi:

- (1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE ⁽²⁾, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2000/209/KE ⁽³⁾, id-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, kompetizzjoni u avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja huwa ristrett għaż-żwiemel li jinżammu għal anqas minn 30 jum f'xi terz pajjiż.
- (2) Biex isir ehf li ż-żwiemel li joriġinaw mill-Komunità jieħdu sehem fit-Tlielaq Internazzjonali tat-Tazza tal-Ġappun u ta' Hong Kong, dak il-perjodu għandu jittawwal għal anqas minn 90 jum.
- (3) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu mal-fehma tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 93/195/KEE hija emendata skond dan li ġej:

1. Tiżdied taqsima sitta ma' l-Artikolu 1 skond kif ġej:
 "— ħadu sehem fit-Tlielaq Internazzjonali tat-Tazza tal-Ġappun u ta' Hong Kong u jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba stabbiliti f'ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell imfassal fl-Anness VI ma' din id-Deċiżjoni."
2. L-Anness ma' din id-Deċiżjoni huwa miżjud bħala l-Anness VI.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.⁽²⁾ ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 64, tal-11.3.2000, p. 22.

L-ANNESS

"L-ANNESS VI

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati li hađu sehem fit-Tlielaq Internazzjonali tat-Tazza tal-Ġappun u ta' Hong Kong wara esportazzjoni temporanja ta' anqas minn 90 jum

Nru taċ-ċertifikat:

Pajjiż terz li qed jesporta: Il-Ġappun ⁽¹⁾, HONG KONG ⁽¹⁾

Ministeru responsabbli: MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

a) Nru. tad-dokument ta' l-identifikazzjoni:

b) Validat minn:

(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini taż-żiemel

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn:

(Post minn fejn intbagħat)

għall:

(Post fejn se jintbagħat)

bl-ajru:

(Aġhti n-numru tat-titjira)

Isem u indirizz ta' min jibgħat:

Isem u indirizz ta' min jilqa':

III. Informazzjoni dwar is-sahħa

Jiena, hawn taħt iffirmat/a, niċċertifika li ż-żiemel imsemmi aktar 'il fuq jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mniżżla f'punti III (a), (b), (c), (e), (f), (g) u (h) ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/195/KEE u linżamm f'propjetà approvata uffiċjalment taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali minn mindu daħal fit-territorju tal-Ġappun ⁽¹⁾ jew ta' Hong Kong ⁽¹⁾ fil- (anqas minn 90 jum) u li waqt dak il-perjodu nżamm fi stalel separati 'il bogħod minn kull kuntatt ma' *equidae* ta' status ta' saħħa inferjuri, ħlief waqt il-kompetizzjonijiet.

IV. Iż-żiemel se jitwassal f' mezz ta' trasport imnaddaf u diżinfettat bil-quddiem b'diżinfettant li huwa aċċettat uffiċjalment fil-Ġappun ⁽¹⁾ jew f' Hong Kong ⁽¹⁾.

V. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10t ijiem.

Id-data	Il-post	It-timbru u l-firma ta' l-uffiċjal veterinarju (*)

L-isem f'ittri kbar, suwed u l-kariga.

(*) Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak ta' l-istampar.

⁽¹⁾ Ħassar skond kif xieraq.